# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru, 2022.**

**Numru 43**

**Rikors numru 129/18/1 AF**

**Polidano Brothers Limited (C-8884)**

**v.**

**Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema**

1. Din il-kawża ġiet intavolata mis-soċjetà attriċi li tgħid li hija dovuta s-somma ta' €84,824.76 rappreżentanti l-bilanċ ta' somma akbar li diġà ġiet imħallsa in parti, dovuta lilha mill-Kunsill konvenut wara xogħlijiet esegwiti minnha fil-lokalità ta' Tas-Sliema fuq inkarigu tal-istess Kunsill, li issa qiegħed jirrifjuta li jħallas il-bilanċ li għadu dovut.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara li l-Kunsill intimat huwa debitur tas-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' erba' u tmenin elf, tmien mija u erba' u ghoxrin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€84,824.76) jew somma ohra verjuri.

> 2. Tiddikjara lis-socjetà rikorrenti ma hijiex debitrici tal-Kunsill intimat.
>
> 3. Tikkundanna lill-Kunsill intimat ihallas lis-socjetà rikorrenti, l-ammont dovut skond l-ewwel talba flimkien mal-imghax dekoribbli mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-effettiv pagament.
>
> 4. Tikkundanna lill-Kunsill intimat ihallas lis-socjetà rikorrenti l-ispejjez ta' din il-procedura.
>
> Bl-ispejjez u bl-imghax dekoribbli skond il-ligi inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali 29/2017 datata 5 ta' Jannar 2017 kontra l-intimat li r-rapprezentanti legali tieghu huma minn issa ngunti in subizzjoni".

3. Il-Kunsill konvenut eċċepixxa, *inter alia,* li l-bilanċ li għadu dovut minnu huwa ferm inqas mis-somma ta' €84,824.76 mitluba mis-soċjetà attriċi, li fi kwalunke każ l-ammonti msemmija mill-attriċi jridu jiġu pruvati u li l-attriċi hija debitriċi tiegħu fl-ammont ta' €89,767.42.

4. Il-konvenut preżenta wkoll kontro-talba permezz ta' liema premetta li l-attriċi hija debitriċi tiegħu fl-ammont ta' €89,767.42 rappreżentanti ħlasijiet dovuti minnha għall-finijiet tal-Liġi Sussidjarja 441.04 minħabba li l-attriċi kienet qegħdet *scaffolding* madwar sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Katedral, kantuniera ma' Triq San Pawl f'Tas-Sliema u kienet użat *tower crane* fl-istess triq.

5. Il-konvenut rikonvenzjonant talab għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara li s-socjetà rikorrenti rikonvenzjonata intimata hiaj debitrici tal-Kunsill esponent fl-ammont ta' disa' u tmenin elf, seba' mija u sebgha u sittin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€89,767.42c) bhala tariffi akkumulati skond il-ligi sussidjarja 441.04 kif fuq spjegat jew somma ohra verjuri li tista' tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

> 2. Tordna lili kwalunkwe somma hekk likwidata skond l-ewwel talba tigi pacuta ma kwalunkwe somma li l-Kunsill esponenti jista' jigi ordnat ihallas ai termini tar-rikors promotur.
>
> 3. Tikkundanna lis-socjetà rikorrenti rikonvenzjonata thallas lill-Kunsill, l-ammont bilancjali dovut wara li tigi effettwata t-tpacija skond it-tieni talba jekk ikun il-kaz.
>
> Bl-ispejjez u bl-imghax dekoribbli mid-data tal-ittra ufficcjali ta' Novembru 2017 kontra s-socjetà rikonvenzjonata inkluzi dawk tal-istess ittra ufficcjali minn issa ngunti in subizzjoni".

6. L-attriċi rikonvenzjonata eċċepiet, *inter alia,* li l-pretensjoni tal-Kunsill rikonvenzjonant hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u li l-operat tagħha fiż-żona inkwistjoni kien eżenti mill-ħlas skont L.S. 441.04 u l-Kunsill rikonvenzjonanti beda jivvanta din il-pretensjoni sabiex jittanta jpaċi dak dovut minnu lilha.

7. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-22 ta' Novembru 2021 ġie deċiż hekk:

> "Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi. Tiddeciedi l-kontro-talba billi tilqa' l-ewwel żewġ talbiet limitatament fl-ammont ta' seba' u sittin elf, mitejn u tletin Ewro u seba' u tletin centezmu (€67,230.37) u tiċħad it-tielet talba.
>
> L-ispejjeż tat-talba prinċipali jitħallsu mis-soċjetà attriċi filwaqt li l-ispejjeż tal-kontro-talba jitħallsu kwantu wieħed minn tlieta mill-Kunsill Lokali rikonvenzjonant u tnejn minn tlieta mis-soċjetà attriċi rikonvenzjonata".

8. Is-soċjetà attriċi preżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-17 ta' Diċembru 2021 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-

konvenuti u t-tilqa' t-talbiet attriċi, filwaqt li wkoll tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-attriċi rikonvenzjonata u tiċħad it-talbiet tal-Kunsill konvenut rikonvenzjonant, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Kunsill Lokali appellat.

9. Il-Kunsill konvenut preżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-22 ta' Diċembru 2021 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata billi tilqa' l-kontro-talbiet tiegħu u tiddikjara li l-bilanċ pendenti favur is-soċjetà attriċi huwa ta' €67,230.37, u b'hekk għandha tkun hemm tpaċija bejn dik is-somma u s-somma dovuta lill-Kunsill mis-soċjetà attriċi fl-ammont ta' €89,767.42, u konsegwentement tordna lill-attriċi tħallasha s-somma ta' €22,537.42 flimkien mal-imgħaxijiet skont il-liġi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi.

10. Il-konvenut preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fl-20 ta' Jannar 2022 għall-appell tal-attriċi permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tas-soċjetà appellanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess soċjetà appellanti.

11. Is-soċjetà attriċi preżentat ir-risposta tal-appell tagħha għall-appell tal-Kunsill Konvenut fit-18 ta' Lulju 2022 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-Kunsill konvenut, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess Kunsill.

**Ikkonsidrat:**

**L-Appell tas-Soċjetà Attriċi**

12. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha s-soċjetà attriċi tilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi, kemm inkwantu għal dak li jirregola l-istitut tat-tpaċija, kif ukoll għal dak li jirregola n-natura tal-prova f'każ ta' talba għall-ħlas ta' kreditu. Tgħid li bejn il-partijiet m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li l-fatturi formanti parti mill-pretensjonijiet tagħhom kienu ntbagħtu u ġew riċevuti mill-parti l-oħra, u li l-Kunsill Lokali konvenut qatt ma qal li mhuwiex debitur tagħha, iżda biss li l-ammont dovut minnu kellu jiġi paċut kontra dak li kien dovut minnha lilu, u għalhekk kienet żbaljata l-Ewwel Qorti meta kkundannatha tħallas lill-Kunsill Lokali konvenut is-somma ta' €67,230 għaliex din is-somma ma hija xejn għajr is-somma li l-Kunsill Lokali konvenut kien qed jirrikonoxxi bħala dovut minnu lilha. Targumenta wkoll li l-fatturi ma kinux kontestati għaliex kien biss l-ammont ta' tpaċija marbut mal-kwistjoni tal-istekkat li kien kontestat. Tgħid li l-Kunsill Lokali konvenut ma ressaq l-ebda prova li x-xogħol li għalih ġie ffatturat ma sarx u x-xhieda ta' Boris Farrugia dwar ix-xogħol li sar u l-ammont dovut mill-Kunsill Lokali konvenut ma ġietx kontradetta, oltre li x-xhieda tiegħu kienet akkompanjata minn dokumentazzjoni voluminuża sabiex tispjega lill-Qorti

d-disparita bejn il-partijiet fejn kienet tinstab. Iżżid li r-regola hi li dak li mhux kontestat huwa ammess u ma teħtieġx li ġġib prova dwaru, u għalhekk il-pożizzjoni meħuda mill-Ewwel Qorti tikkapovolġi l-proċedura u n-natura tad-dritt nostran. Tgħid ukoll li lill-Ewwel Qorti sfuġġitilha x-xhieda ta' Boris Farrugia fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2018 li qal, li anke jekk wieħed kellu jaċċetta li l-armar kien *scaffolding* u mhux stekkat, l-ammont totali dovut minnha skont l-iskeda C tal-liġi sussidjarja kien iwassal għal ċifra ta' €5,000 u mhux €83,000, u għalhekk huwa ċar li hija kkontestat il-kejl u l-metodu ta' komputazzjoni fir-rigward tal-pretensjoni tal-Kunsill Lokali konvenut.

13. Permezz tat-tieni aggravju tagħha s-soċjetà attriċi tilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi għal dak li jirrigwarda x'jikkostitwixxi stekkat għall-finijiet u l-effetti tal-Liġi Sussidjarja 441.04. Targumenta li stekkat skont l-istess regolament jissejjaħ *boundary wall* bl-Ingliż, li jagħlaq sit ta' kostruzzjoni waqt ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni sabiex tirrestrinġi l-aċċess u tipprovdi protezzjoni għall-pubbliku. Issostni li kemm il-Kunsill Lokali konvenut u kemm l-Ewwel Qorti tfixklu fil-pożizzjoni li ħadu sabiex jiddeterminaw jekk l-armar inkwistjoni kienx stekkat jew *scaffolding.* Skont l-attriċi, l-Ewwel Qorti ħadet il-pożizzjoni li l-armar ma kienx jippermetti aċċess għall-pubbliku, u għalhekk b'konsegwenza ta' din il-konsiderazzjoni l-Ewwel Qorti kellha tikkonkludi li l-armar kien stekkat u li allura ma kien hemm l-ebda ħlas imponibbli mill-

Kunsill Lokali konvenut. Iżżid li fil-fatt il-Kunsill Lokali konvenut qatt ma ħareġ fatturi sa ħames snin wara proprju għaliex ma kien hemm l-ebda ħlas imponibbli. Targumenta li waqt il-kontro-eżami tagħha l-Perit Borg Costanzi kkontradiċiet it-teżi tagħha meta qalet, li dak li jidher fir-ritratt a *fol.* 127 huwa *scaffolding* meta l-Kunsill Lokali konvenut li nkarigaha qed isostni mod ieħor. Tgħid ukoll li l-pożizzjoni, li huwa l-aċċess għall-pubbliku li jiddetermina jekk l-armar kienx stekkat jew le, ġiet ikkonfermata mill-*accountant* tal-Kunsill Lokali konvenut Christian Vella fix-xhieda tiegħu tal-20 ta' Novembru 2018, u żżid li saħansitra l-Kunsill Lokali konvenut jirreferri għall-istess armar bħala "*Boundary Wall and Hoarding"* fid-dokumenti a *fol.* 118 *et seq.* Targumenta wkoll, li anke kieku kellu jiġi aċċettat li dan l-armar mhuwiex stekkat iżda *scaffolding* l-ammont dovut minnha huwa ta' €5000. Iżżid, li l-Kunsill Lokali konvenut jaf li l-armar kien jikkostitwixxi stekkat u li legalment ma jistax jagħmel talba għal ħlas u fil-fatt armar simili ta' kuntratti oħra ġie kkonsidrat bħala stekkat u ma ntalab l-ebda ħlas għalih, iżda l-Kunsill Lokali konvenut naqas milli jippreżenta d-dokumentazzjoni li kien intrabat li jesebixxi f'dan ir-rigward.

14. Il-Kunsill Lokali konvenut iwieġeb li jaqbel mas-soċjetà attriċi li xi osservazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti ma kinux ċari u li l-mod kif ġiet ikkalkolata t-tpaċija hija ħażina, għalkemm għal raġunijiet differenti minn dawk mogħtija mill-attriċi. Jgħid li huwa minnu li l-*accountant* tiegħu

Christian Vella kkonferma li l-Kunsill għandu jagħti lill-attriċi s-somma ta' €67,230.27 u l-Ewwel Qorti għamlet tajjeb li kkundannatu jħallas din is-somma lill-attriċi għaliex dan hu l-ammont li huwa ammess u ppruvat da parti tal-attriċi. Jgħid li però dan l-ammont kellu jiġi paċut mas-somma dovuta lilu ta' €89,767.42 u għalhekk hemm bilanċ favur tiegħu. Iżid, li mhuwiex minnu dak li targumenta l-attriċi li l-ammont pretiż minnha ma ġiex ikkontestat, għaliex il-kontestazzjoni dejjem kienet hemm u huwa dejjem sostna li hija s-somma ta' €67,230.27 li hija dovuta minnu, u inoltre huwa ressaq provi li jispjegaw kif dan huwa l-ammont li hu dovut minnu lis-soċjetà attriċi. Jargumenta wkoll li mhux minnu li l-Ewwel Qorti skartat ix-xhieda ta' Boris Farrugia, u jgħid li l-Ewwel Qorti sempliċiment emmnet il-verżjoni tal-Kunsill Lokali konvenut li kienet sorretta minn provi inkonfutabbli, li juru li l-istruttura kienet *scaffolding* mingħajr mezz ta' passaġġ għan-nies li tħalliet hemm għal ħafna snin. Iżid, li huwa dejjem talab ħlasijiet minn kuntratturi jew sidien li jarmaw *scaffolding* skont dak provdut fil-leġislazzjoni sussidjarja f'sitwazzjoni bħal din, u li l-prassi mas-soċjetà attriċi kienet li ssir tpaċija bejn is-somom dovuti minnu u s-somom dovuti lilu, u dan peress li l-attriċi kienet tagħmel ħafna xogħol għalih.

15. Dwar it-tieni aggravju jargumenta li stekkat jew *boundary wall* jagħlaq l-aċċess għas-sit ta' kostruzzjoni kompletament għall-pubbliku, mentri *scaffolding* ma jagħlaqx l-aċċess kompletament billi jdawwar parti jew it-totalità tas-sit, u jgħid li din id-distinzjoni toħroġ ċara mir-ritratti li

ġew esebiti fl-atti. Jargumenta li l-attriċi qed tilgħab bil-kliem meta tgħid li ma kienx hemm aċċess, u allura l-armar jikkostitwixxi stekkat għaliex dak li ma kienx hemm kien *pedestrian passage* u mhux nuqqas ta' aċċess għas-sit ta' kostruzzjoni.

**L-Appell tal-Kunsill Lokali konvenut**

16. Il-Kunsill Lokali konvenut ressaq aggravju wieħed fl-appell tiegħu, permezz ta' liema argumenta li ladarba l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi kollha, ma kellhiex tilqa' limitatament l-ewwel u t-tieni kontro-talba, iżda kellha tilqagħhom fl-intier tagħhom u tordna lill-attriċi rikonvenzjonata tħallas il-bilanċ dovut. Jargumenta li dwar is-somma pretiża minnu ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-kalkolu għaliex il-kontestazzjoni kienet tirrigwarda biss punt ta' prinċipju, u ċioè jekk l-armar użat mill-attriċi kienx *scaffolding* jew stekkat skont il-liġi. Jgħid li inoltre, jirriżulta suffiċjentement pruvat li s-somma dovuta minnu lis-soċjetà attriċi hija fl-ammont ta' €67,230, u għalhekk is-soċjetà attriċi kellha tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' €22,537.42.

17. Is-soċjetà attriċi rribadiet l-argumenti magħmula minnha fir-rikors tal-appell tagħha li l-armar tagħha jikkostitwixxi stekkat skont il-liġi u mhux *scaffolding*, u tgħid li l-Kunsill Lokali konvenut qiegħed jinsisti li mhux stekkat biex jipprova jpaċi l-ammont dovut minnu u mhux għaliex

verament huwa tal-opinjoni li l-armar tagħha kien stekkat. Targumenta li hemm kontradittorjeta bejn l-argument li ma kienx hemm aċċess għall-pubbliku u t-teżi li kien hemm *scaffolding* għaliex huwa stekkat li jipprekludi aċċess għall-pubbliku, u għalhekk b'dan l-argument qed tingħata raġun hi li l-armar ma kienx *scaffolding* iżda stekkat. Iżżid li l-fatt li l-istruttura kienet tal-ħadid ma jfissirx li mhijiex stekkat.

18. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi din tal-lum hija azzjoni b'kontro-talba li tikkonċerna l-interpretazzjoni korretta ta' 'stekkat (boundary wall)' għal finijiet tar-Regolamenti Dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess Mill-Kunsill Lokali (Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04).
>
> Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà attriċi kienet ġiet inkarigata mill-Kunsill Lokali intimat sabiex tesegwixxi diversi xogħlijiet fil-lokalità ta' Tas-Sliema. Ta' dawn ix-xogħlijiet, is-soċjetà attriċi tgħid illi għad baqalha titħallas is-somma bilanċjali ta' €84,824.76. Madanakollu, is-soċjetà attriċi rriduċiet il-pretensjoni tagħha għal €78,456.72 peress li taċċetta li seħħet tpaċija ma' tariffi dovuti lill-Kunsill intimat għal tqegħid ta' tower crane u minħabba ħsarat f'numru ta' residenzi fil-lokalità.
>
> Da parti tiegħu, il-Kunsill intimat qiegħed jippretendi li ma huwa dovut xejn lis-soċjetà attriċi stante li seħħet tpaċija wkoll mas-somma ta' €83,399.32 li, skont hu, is-soċjetà attriċi għandha tħallsu in linea ta' tariffi akkumulati għat-tqegħid ta' scaffolding fi Triq il-Katidral, kantuniera ma' Triq San Pawl, Tas-Sliema. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-ammont dovut lis-soċjetà attriċi għax-xogħol esegwit, il-Kunsill Lokali intimat jikkontendi li huwa kellu jħallas lil Polidano Brothers Limited €67,230.37 li kieku ma seħħetx tpaċija.
>
> Madanakollu, s-soċjetà attriċi tikkontendi li ma huwa dovut xejn lill-Kunsill intimat għat-tqegħid ta' din l-istruttura in kwantu li dak li l-Kunsill intimat qed isejjaħlu scaffolding ma huwa scaffolding xejn imma 'stekkar (boundary wall)' li għalih, skont l-imsemmija Regolamenti, ma huwa dovut l-ebda ħlas.
>
> Il-Kunsill intimat għalhekk ressaq kontro talba li permezz tagħha qed jitlob lill-Qorti tiddikjara li s-soċjetà attriċi hija debitriċi tiegħu fis-somma kumplessiva ta' €89,767.42 u li għandha sseħħ tpaċija ma' dak li huwa dovut lis-soċjetà attriċi kif ukoll sabiex tikkundanna lis-soċjetà attriċi

tħallas is-somma bilanċjali. Kif diġà ntqal, is-somma kontestata in linea ta' tariffi għal tqegħid ta' scaffolding tammonta ta' €83,399.32 in kwantu li s-soċjetà attriċi ma tikkontestax illi għandha sseħħ tpaċija mas-somma ta' €6,368.10 dovuta lill-Kunsill intimat.

A tenur tal-imsemmija Regolamenti, mhux dovut l-ebda ħlas għall-permess:

> "għat-tqegħid jew depożitu ta' stekkat (boundary wall) li jagħlaq sit ta' kostruzzjoni waqt ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni sabiex tirrestrinġi l-aċċess u tipprovdi protezzjoni għall-pubbliku".

Peress illi l-Kunsill intimat jippretendi li dan kien scaffolding u mhux stekkat, u ma kienx hemm aċċess għall-pubbliku fuq il-bankina fejn kien armat, huwa qed jippretendi ħlas ta' €2.33 tul l-istruttura kollha u ċioè 'għal depożitu ta' materjal tal-bini jew materjal ieħor jew oġġett f'xi triq għal kull m2 jew parti minnu għal kull jum jew parti minnu' (Regolament numru 3). Din l-istruttura damet hemm mill-1 ta' Awwissu 2008 sal-31 ta' Marzu 2014. Il-kejl ittieħed mill-contracts manager tal-Kunsill intimat, ċertu Philip Chircop u ma jirriżultax illi s-soċjetà attriċi qiegħda tikkontesta dan il-kejl jew iż-żmien illi damet din l-istruttura fuq il-post. Lanqas ma qed tikkontesta r-ritratti esebiti mill-Kunsill intimat.

Il-Perit Elena Borg Costanzi, inkarigata mill-Kunsill intimat, irrediġiet rapport dwar din l-istruttura. Hija spjegat illi milli tiftakar mis-sit, peress li kienet spezzjonat appartament mill-blokka fuq talba ta' klijent u mir-ritratti li rat tas-sit fiż-żmien in kwistjoni, 'The scaffolding in question consisted of an invasive steel frame and a green netting over the pavements…' Il-Perit Borg Costanzi tispjega li riċentement hija kienet inkarigata bħala perit fuq numru ta' proġetti ta' żvilupp ġewwa Tas-Sliema fejn fil-maġġor parti tal-każijiet 'scaffolding was erected and the payment was calculated according to whether the pavement was blocked of or not, that is, access is possible or not. In the case of the latter, the Council calculates a fee due for the area occupied.'

Hija tkompli tispjega li 'In the case in question, the facades were retained, and from photos submitted as well as from the undersigned's own experience, the said scaffolding was erected in a way that pedestrians could not walk under the scaffolding, that is, on the actual and existing pavement, since access was obstructed by a bar. Moreover, the condition of the pavement was such that it was not possible to walk over given that the said pavement was broken off, patched in places with cast in situ concrete and strewn with construction debris.'

Hija kkonludiet għalhekk li 'it is clear that the scaffolding in question is not a boundary wall but an actual scaffolding that impeded pedestrian passage and therefore payment is due.'

Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti f'din il-kawża u qiegħda tasal għall-konklużjoni li l-istruttura in kwistjoni kienet fil-fatt scaffolding u mhux stekkat (boundary wall). Mir-ritratti esebiti mill-Kunsill intimat mar-risposta maħlufa u kontro-talba tiegħu, huwa ċar daqs il-kristall illi l-istruttura in kwistjoni ma tistax tissejjaħ 'ħajt'. Fil-fatt, il-Kunsill intimat esebixxa ritratti ta' siti oħra, fosthom siti li kienet qed tiżviluppa s-soċjetà attriċi, fejn id-differenza bejn l-istruttura mertu tal-każ u l-istekkat hija ċara. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-argument tas-soċjetà attriċi li l-istruttura hija stekkat u mhux scaffolding jkompli jiddgħajjef meta wieħed iqis illi x-xhud Boris Farrugia, rappreżentant talattriċi, jinsisti lill-Qorti li fil-fatt kien hemm aċċess għall-pubbliku minn taħt din l-istruttura. Il-Qorti ma tifhimx kif il-pubbliku seta' jaċċedi minn taħt boundary wall li suppost tqiegħed hemm sabiex jirristrinġi l-aċċess għall-istess pubbliku.

Inoltre, l-insistenza tal-attriċi li l-bankina fejn ġie armat l-iscaffolding kienet aċċessibbli għall-pubbliku issib riskontru wkoll meta wieħed iqis illi mir-ritratti tal-istruttura in kwistjoni esebiti mill-Kunsill intimat, liema ritratti ma ġewx kontestati, jirriżulta li:

- Partijiet mill-bankina kienu kompletament inaċċessibbli minħabba materjal tal-bini (ritratti a. fol 37-38);

- Il-bankina fejn hemm armat dan l-iscaffolding tħalliet fi stat ħażin ħafna b'mod illi kien ikun perikoluż għall-pubbliku biex jimxi minn fuqha (ritratti a fol. 40 u 43); u

- Partijiet mill-bankina kienu inaċċessibbli minħabba i) 'l mod illi sar it-tqegħid tal-istruttura u ċjoe billi tpoġġiet kanna tal-ħadid orizzontali u ii) bit-tqegħid ta' barrier (ritratti a fol. 36, 41, 42 u 43).

Għaldaqstant, ir-Regolamenti huma ċari u l-attriċi għandha tħallas it-tariffa hemm stabbilita għall-okkupazzjoni tas-sit kollu b'dan l-iscaffolding għal kull ġurnata li dan l-iscaffolding dam armat. Il-fatt illi l-Kunsill Lokali intimat għadu ma talabx ħlas mingħand kuntratturi jew sidien oħra għall-okkupazzjoni ta' art pubblika permezz ta' strutturi simili, ma jfissirx illi s-soċjetà attriċi m'għandhiex tħallas, jew li l-istruttura tagħha hija stekkat u mhux scaffolding kif qed tippretendi. Il-Qorti tqis li l-interpretazzjoni korretta tar-Regolamenti hija dik tal-Kunsill intimat u mhux tas-soċjetà attriċi.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-kontijiet għax-xogħlijiet, il-Qorti tqis illi l-ebda parti ma ġabet prova aħjar minn tal-parti l-oħra. Il-partijiet straħu fuq numru ta' fatturi maħruġa minnhom skont il-kontijiet miżmuma. Fin-nuqqas ta' xi prova korroborattiva, il-Qorti ma tistax allura tistabbilixxi jekk hemmx xi somma bilanċjali dovuta lil xi ħadd mill-partijiet.

Stabbilit dan kollu, in linea ta' prinċipju ta' dritt dwar it-tpaċija, artikolu 1196 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li:

> "(1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija.
>
> (2) It-tpaċija ssir ipso jure, u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs".

Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Marianna Spiteri et vs Joseph Vella, deċiża fit-3 ta' Mejju 1993, 'minn dan naraw li l-eċċezzjoni ta' tpaċija fiha nfisha tammonta għal ammissjoni tad-debitur, u li dan id-debitu huwa dovut biss mgħandux jitħallas għax huwa paċut minn ammont ieħor dovut mill-kreditur.'

Fis-sentenza fl-ismijiet San Andrea School vs David Mallia et, tat-28 ta' Ġunju 2013, il-Qorti tal-Appell irriteniet li:

> "Illi sabiex topera t-tpacija jehtieg li jikkonkorru s-segwenti fatturi: li jkun hemm zewgt idjun fl-istess waqt, anke jekk mhux fl-istess qies jew ammont; li dawn id-djun jirreferu ghal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reciprokament ta' xulxin; li jkollhom bhala oggett il-hlas ta' flus jew haga ohra fungibbli; li jkunu gew likwidati jew facilment likwidabbili; li jkunu certi wkoll f'dik li hija kwantità; u li d-djun ikunu dovuti jew jistghu jintalbu. Inoltre, jinsab ritenut ukoll fil-gurisprudenza patria li t-tpacija ma tistax issehh dwar krediti li ma jkunux ammessi jew li l-ammont taghhom ikun kontestat [ara fost ohrajn App. C Giuseppe Schembri v. Giuseppa Chircop deciza 14 Jannar 1955; PA Anthony Calleja v. Joseph Debono deciza 1 Frar 1964; App. C Onor. Carm Lino Spiteri v. Director of Public Works deciza 25 Jannar 1998; Q. Kum. Avukat John Mamo v. Edward Borg deciza 1 Gunju 1990; PA Joseph Borg noe v. Norman Buckle deciza 12 Dicembru 2002; u App. Perit Vincent Cassar v. Nicholas Debono deciza 22 Marzu 2005]".

Is-soċjetà attriċi tikkontendi li hija għada dovuta ħlas ta' €84,824 għax-xogħlijiet esegwiti fuq talba tal-Kunsill intimat. Madanakollu, skont il-Kunsill intimat, is-somma dovuta lill-attriċi għal xogħlijiet fil-lokalità mingħajr ma tiġi meqsjusa t-tpaċija hija ta' €67,230.37. Għaldaqstant, it-tpaċija tista' sseħħ biss sal-ammont mhux kontestat ta' €67,230.37."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

19. Din hija sentenza wara żewġ appelli ntavolati mis-soċjetà attriċi u mill-Kunsill Lokali konvenut. Is-soċjetà attriċi kienet ġiet inkarigata biex

tagħmel numru ta' xogħlijiet fil-lokalità ta' Tas-Sliema mill-Kunsill Lokali konvenut u ntavolat din il-kawża sabiex tieħu pagament ta' bilanċ li hija tgħid li għadu dovut minn ammont ikbar, li parti minnu diġà tħallas mill-konvenut. Min-naħa tiegħu l-konvenut intavola kontro-talba għaliex jgħid li hemm somma dovuta lilu bħala pagament skont il-liġi minħabba *scaffolding* li l-attriċi għamlet fit-triq, u jgħid li l-ammont dovut minnu huwa għalhekk paċut u anzi hemm bilanċ favur tiegħu li jrid jiġi mħallas mill-attriċi.

20. Wara li rat is-sentenza appellata din il-Qorti tqis li *ż-żewġ* partijiet għandhom raġun li s-sentenza, b'mod partikolari d-*decide*, mhuwiex daqstant ċar. Fid-*decide* l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi, u dan minkejja li fil-motivazzjoni sabet li l-pretensjoni attriċi hija ġustifikata sal-ammont ta' €67,230.37, imbagħad għaddiet sabiex tilqa' l-ewwel u t-tieni kontro-talba tal-Kunsill Lokali konvenut "limitatament fl-ammont ta' sebgħa u sittin elf, mitejn u tletin ewro, u sebgħa u tletin ċenteżmu (€67,230.37)", filwaqt li ċaħdet it-tielet talba permezz ta' liema l-Kunsill Lokali rikonvenzjonant qiegħed jitlob li l-attriċi tiġi kkundannata tħallas il-bilanċ rimanenti favur tiegħu wara li ssir it-tpaċija mitluba minnu. Din il-Qorti ma tistax tifhem eżattament x'ġie deċiż mill-Ewwel Qorti. Jekk id-*decide* jinftiehem fis-sens li l-attriċi ġiet misjuba li hi debtriċi tal-Kunsill Lokali konvenut fl-ammont ta' €89,767.42 u li t-tpaċija għandha ssir mal-ammont ta' €67,230.37, allura t-tielet talba ma kellhiex tiġi miċħuda

għaliex b'hekk ikun hemm bilanċ ta' €22,537.05 dovut lill-Kunsill Lokali konvenut mill-attriċi.

21. Minn qari tal-motivazzjoni tas-sentenza jidher li l-ewwel talba attriċi ġiet miċħuda għaliex l-Ewwel Qorti kkonsidrat li "għal dak li għandu x'jaqsam mal-kontijiet għax-xogħlijiet, il-Qorti tqis illi l-ebda parti ma ġabet prova aħajr minn tal-parti l-oħra. Il-partijiet straħu fuq numru ta' fatturi maħruġa minnhom skont il-kontijiet miżmuma. Fin-nuqqas ta' xi prova korroborattiva, il-Qorti ma tistax allura tistabbilixxi jekk hemmx xi somma bilanċjali dovuta lil xi ħadd mill-partijiet." Sussegwentement però l-Ewwel Qorti kkonsidrat li "is-soċjetà attriċi tikkontendi li hija għadha dovuta ħlas ta' €84,824 għax-xogħlijiet esegwiti fuq talba tal-Kunsill intimat. Madanakollu, skont il-Kunsill intimat, is-somma dovuta lill-attriċi għax-xogħlijiet fil-lokalità mingħajr ma tiġi meqjusa t-tpaċija hija ta' €67,230.37. Għaldaqstant, it-tpaċija tista' sseħħ biss sal-ammont mhux kontestat ta' €67,230.37." L-Ewwel Qorti ma spjegatx imbagħad kemm hu l-ammont li hija sabet li huwa dovut lill-Kunsill Lokali rikonvenzjonanti li miegħu trid issir it-tpaċija, għalkemm il-fatt li l-ewwel kontro-talba ġiet milqugħa biss limitatament jagħti lil din il-Qorti x'tifhem li mhux il-pretensjoni sħiħa tal-Kunsill Lokali rikonvenzjonanti ġiet milqugħa mill-Ewwel Qorti. Għalhekk għandhom raġun il-partijiet li s-sentenza appellata mhijiex ċara, però ma tressaq ebda aggravju ta' nullità.

22. L-attriċi ssostni li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li l-ammont dovut lilha mill-Kunsill Lokali konvenut huwa fis-somma ta’ €67,230.37 u mhux €84,824, għaliex il-pretensjoni tagħha ġiet korroborata bil-produzzjoni tal-fatturi mibgħuta lill-Kunsill Lokali konvenut u l-ispjegazzjoni ta’ Boris Farrugia, u l-Kunsill Lokali konvenut ma kkontesta xejn minn dan. Skont l-attriċi ladarba ma kienx hemm kontestazzjoni min-naħa tal-Kunsill Lokali konvenut, allura l-pretensjoni tagħha tinsab ammessa u hija ma kellha tressaq l-ebda prova fir-rigward. Il-Qorti tibda billi tirrileva li huwa assolutament infondat l-argument tal-attriċi li l-Kunsill Lokali konvenut ma kkontestax il-pretensjoni tagħha. Jirriżulta fil-fatt li l-Kunsill Lokali kkontesta l-*quantum* tal-ammont dovut, u dan sa mill-bidu nett tal-kawża billi fir-risposta ġuramentata tiegħu eċċepixxa li “illi l-Kunsill esponent jirrileva li l-bilanċ dovut lis-soċjetà attriċi li fadal huwa ferm anqas mill-ammont ta’ erbgħa u tmenin elf, tmien mija u erbgħa u għoxrin ewro, u sitta u sebgħin ċenteżmu (€84,824.76) u dan kif sejjer jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.” Waqt il-kawża mbagħad il-Kunsill Lokali konvenut baqa’ jżomm ferma l-pożizzjoni tiegħu li l-ammont dovut minnu lill-attriċi huwa nqas mill-ammont li qed jiġi pretiż mill-attriċi.

23. Minn eżami tal-atti, inkluż ir-risposta tal-appell tal-konvenut, jirriżulta li dak li dwaru m’hemmx kontestazzjoni fir-rigward tal-pretensjoni attriċi huwa l-ammont ta’ €67,230.73. Il-Qorti tosserva inoltre, li waqt l-

udjenza tal-31 ta' Mejju 2018 Boris Farrugia, il-konsulent finanzjarju tal-attriċi xehed li l-attriċi proprjament qed tirreklama s-somma ta' €78,465, u dan għaliex hemm somma ta' €6,638 (li m'għandhiex x'taqsam mal-pretensjoni tal-konvenut fil-kontro-talba) li l-attriċi taċċetta li għandha tagħti lill-konvenut. Għalhekk, l-ammont kontestat mill-konvenut huwa fis-somma ta' €11,234.27.

24. Il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li l-pretensjoni tal-attriċi mhijiex suffiċjentement pruvata. L-attriċi preżentat rendikont flimkien mar-rikors ġuramentat tagħha, li juri l-ammonti dovuti lilha mill-konvenut bejn l-20 ta' Frar 2007 u l-5 ta' Marzu 2013, u l-ammonti li ġew mħallsa mill-konvenut fl-istess perjodu. L-attriċi preżentat ukoll sett ta' fatturi li ħarġet lill-konvenut għall-ħlas tax-xogħlijiet reżi minnha. L-ammonti ndikati fir-rendikont imsemmi kollha jikkombaċaw ma' fatturi preżentati mill-attriċi, ħlief għal somma waħda ta' €1,164.69 li fir-rendikont qiegħda ndikata bħala "Guter" u datata 27 ta' Awwissu 2007, u li ma ġietx preżentata fattura korrispondenti għaliha.

25. Min-naħa tiegħu l-konvenut mhuwiex qiegħed jikkontesta li x-xogħlijiet indikati f'dawk il-fatturi saru u li dawk il-fatturi ntbagħtu lilu u ġew aċċettati minnu, u għalhekk l-attriċi ma kien jeħtieġ li tipproduċi xejn aktar bħala prova. Għaldaqstant, kien imiss lill-konvenut li juri għalfejn hija s-somma ta' €67,230.73 li hija dovuta lill-attriċi u mhux dik akbar mitluba

minnha, u f'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li l-konvenut lanqas biss jispjega x'inhi r-raġuni għalfejn skont hu l-pretensjoni attriċi mhijiex kollha dovuta. Il-fatt li l-konvenut preżenta abbozz ta' ftehim fejn l-attriċi kienet ser titħallas somma nqas minn dik reklamata minnha f'din il-kawża mhuwa tal-ebda għajnuna għall-konvenut għaliex dan l-abbozz mhuwiex iffirmat mill-attriċi u għalhekk mhuwiex prova ta' xi ammissjoni min-naħa tagħha tal-verżjoni tal-konvenut, u fi kwalunke każ il-fatt li l-attriċi kienet lesta li tittransiġi billi taċċetta somma inferjuri minn dik li hija verament dovuta ma jippreġudikax il-pretensjoni tagħha ladarba dik it-tranżazzjoni ma seħħitx u allura ma torbotx lill-partijiet.

26. Għaldaqstant, in vista tax-xhieda ta' Boris Farrugia hawn fuq imsemmija, u in vista tal-ammont ta' €1,164.69 li kif ġie spjegat ma ġiet preżentata l-ebda fattura korrispondenti dwaru, il-Qorti tqis li s-somma dovuta lill-attriċi hija fl-ammont ta' €77,300.31.

27. Fir-rigward tal-ammont reklamat mill-Kunsill Lokali konvenut, il-Qorti tosserva li l-kontestazzjoni ta' bejn il-partijiet hija primarjament kwistjoni dwar punt legali, u ċioè jekk l-armar tas-soċjetà attriċi jikkostitwix stekkat jew *scaffolding*. Din id-differenza hija kruċjali peress li għal stekkat m'hemm l-ebda ħlas dovut. Wara li rat l-atti, il-Qorti ma taqbilx mal-attriċi li l-konvenut u l-Ewwel Qorti waslu għal deċiżjoni li tikkontradiċi l-argument tagħhom. L-attriċi tgħid li l-konsiderazzjonijiet u l-konklużjoni

huma kontradittorji għaliex jekk ingħad li l-armar kien jimpedixxi l-aċċess tal-pubbliku, allura l-konklużjoni li ssegwi loġikament hija li l-armar kien stekkat u mhux *scaffolding.* Il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument. Skont Skeda B tal-leġislazzjoni sussidjarja 441.04 stekkat huwa "(boundary wall) li jagħlaq sit ta' kostruzzjoni waqt ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni sabiex tirrestrinġi l-aċċess u tipprovdi protezzjoni għall-pubbliku." Għalhekk, in-nuqqas ta' aċċess relevanti sabiex jiġi stabbilit jekk l-armar huwiex stekkat jew le huwa nuqqas ta' aċċess għas-sit ta' kostruzzjoni bil-għan li tiġi provduta protezzjoni għall-pubbliku mill-perikolu konnessi mall-kostruzzjoni. Mir-ritratti esebiti jirriżulta ċar li l-armar inkwistjoni bl-ebda mod ma kien intiż biex jirrestrinġi l-aċċess tal-pubbliku għas-sit ta' kostruzzjoni u joffri protezzjoni lill-pubbliku minn perikoli konsegwenti għall-kostruzzjoni. M'hemm l-ebda dubju li l-armar tal-attriċi kien jikkonsisti fi *scaffolding* li almenu teoretikament jista' jgħaddi l-pubbliku minn taħtu. Il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-pubbliku ma setax jgħaddi minn taħt dan l-armar minħabba l-istat diżastruż tal-bankina bl-ebda mod ma tista' twassal għall-konklużjoni li l-armar huwa stekkat. Huwa ċar li din il-konsiderazzjoni saret għaliex hija relevanti għall-mod kif jiġi kkalkolat l-ammont dovut mill-attriċi skont il-liġi, fejn l-ammont ta' spazju li l-attriċi tkun qed tieħu bl-armar tagħha huwa relevanti għall-finijiet ta' komputazzjoni tal-ħlas dovut, u mhija bl-ebda mod kontradittorja għall-konklużjoni li l-armar mhuwiex stekkat.

28. Dwar l-argument tal-attriċi li l-konvenut beda jippretendi ħlas għall-armar biss wara li hi għamlet il-pretensjoni tagħha bil-għan li jinnewtralizza din il-pretensjoni, il-Qorti tosserva li dan l-argument huwa kontradett mid-dokumenti esebiti mill-konvenut a *fol.* 113 u 118 *et seq*, li juru l-konvenut kien qiegħed jiġbor informazzjoni dwar l-armar u l-qisien ferm qabel ma' qamet din il-kwistjoni bejn il-partijiet. Il-Qorti tosserva fil-fatt li fl-*email* tal-25 ta' Jannar 2012 (*fol.* 113) l-armar tal-attriċi kien diġà qiegħed jitqies bħala *scaffolding* mill-konvenut. Anke fid-dokument a *fol* 118, għalkemm l-attriċi tgħid li dan jikkontradiċi t-teżi tal-konvenut għaliex isemmi l-kelma "boundary wall" fit-titolu, jirriżulta li l-ewwel nett it-titolu wkoll jagħmel referenza għall-"*hoarding*", u fi kwalunke każ dan id-dokument jelenka wkoll armar li jikkostitwixxi *scaffolding* u jindika l-armar tal-attriċi bħala *scaffolding*. Dwar l-argument tal-attriċi li kien hemm xi kuntrattur ieħor li l-konvenut ma talbux ħlasijiet għall-*scaffolding* bil-mod kif qed jagħmel lilha, il-Qorti tosserva li l-ewwel nett l-ebda prova konkreta ta' dan ma ġiet prodotta, u fi kwalunke każ għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri huwa rrelevanti x'għażel il-konvenut li jagħmel ma' kuntrattur ieħor ladarba huwa ntitolat għall-ħlas li qiegħed jippretendi mill-attriċi għall-finijiet tal-liġi.

29. Għalhekk il-Qorti tqis li l-konsiderazzjonijiet u l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti dwar in-natura tal-armar tas-soċjetà attriċi u l-ammont pagabbli huma korretti, u l-ewwel kontro-talba tal-Kunsill Lokali

rikonvenzjonant li s-soċjetà attriċi hija debitriċi tiegħu fl-ammont ta' €89,767.42 tirriżulta fondata.

30. Fir-rigward tal-appell tal-Kunsill Lokali konvenut il-Qorti tqis li għandu raġun li t-talbiet tiegħu kellhom jiġu milqugħa fl-intier tagħhom, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet appena magħmula. Peress li jirriżulta li l-attriċi għandha tieħu mingħand il-Kunsill Lokali konvenut is-somma ta' €77,300.31, filwaqt li l-Kunsill Lokali konvenut għandu jieħu mingħand l-attriċi s-somma ta' €89,767.42, huwa ċar li hemm bilanċ favur il-Kunsill Lokali li jrid jitħallas lilu mill-attriċi wara li ssir tpaċija bejn l-ammont inkwistjoni. Għalhekk, wara li ssir it-tpaċija meħtieġa, l-attriċi għandha tħallas lill-Kunsill Lokali konvenut is-somma ta' €12,467.11.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata u tiddisponi mill-appelli preżentati mill-partijiet billi:

i. Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi limitatament u tiddikjara li l-Kunsill Lokali konvenut huwa debitur tagħha fis-somma ta' sebgħa u sebgħin elf, u tlett mitt ewro, u wieħed u tletin ċenteżmu (€77,300.31), u tiċħad il-bqija tat-talbiet attriċi;

ii. Tilqa’ t-talbiet kollha tal-Kunsill Lokali rikonvenzjonant, tiddikjara li l-attriċi hija debitriċi tiegħu fl-ammont ta’ disgħa u tmenin elf, seba’ mija u sebgħa u sittin ewro, u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€89,767.42), u tordna li ssir tpaċija bejn l-ammonti dovuti mill-partijiet lil xulxin, u konsegwentement tikkundanna lill-attriċi tħallas lill-Kunsill Lokali rikonvenzjonant il-bilanċ rimanenti ta’ tnax-il elf, erba’ mija u sebgħa u sittin ewro, u ħdax-il ċenteżmu (€12,467.11), bl-imgħax dekoribbli mid-data tan-notifika lilha tal-kontro-talba tal-Kunsill Lokali konvenut sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż kollha, inkluż tal-ewwel istanza, jitħallsu inkwantu għal 75% mill-attriċi u 25% mill-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm